**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Roderick Mercieca**

Numru: 283/2015

Illum 23 ta' Lulju 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Roderick Mercieca,** bin Michael u Rose nee' Attard, imwieled fl-20 ta' Frar 1993 u residenti fil-fond numru 18, Triq il-Gizi, Xewkija, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 11693(G), <u>akkuzat talli nhar il-5 ta' Mejju 2015 ghall-habta ta' 13:30hrs bhala persuna responsabbli (substitute) tal-istabbiliment bl-isem ta' 'Mellows Bar' li jinsab fi Triq il-Wied, Marsalforn, Ghawdex:</u>

1. naqas li jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet ohra li ghaliha hija suggetta l-licenzja tal-awtorita' kompetenti;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi.

**Ikkunsidrat**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputata huma veri w dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputata. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil- kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Qorti ghalhekk innotat li dan il-kaz jiddependi mid-diskrezzjoni tal-gudikant lil minn jaghti affidament lill-verzjonijiet moghtija.

Il-Qorti hawnhekk qabel xejn tirrileva li l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'.

Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-partijiet fil-kaz odjern jirrizulta pjuttost evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'verzjonijiet differenti tal-fatti, ghal kollox kunfliggenti.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzata tigi misjuba hatja l-akkuzi migjuba fil-konfront taghha dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller v Minister of Pension - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

Il-Qorti ma thossx li l-prosekuzzjoni sodisfacentament ippruvat li kien l-imputat li naqas li jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet ohra li ghaliha hija suggetta l-licenzja tal-awtorita' kompetenti.

**Decide:**

Ghaldaqstant, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tilliberah minnha.

___

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**